MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-5 ta' Frar, 2025

Appell Inferjuri Numru 115/2023 LM

**Flavio Abdilla (K.I. numru 485153(M)) u martu Carmen Abdilla (K.I. numru 209261(M))**
*('l-appellati')*

***vs*.**

**Anthony sive Tony Cassar (K.I. numru 344872(M))**
*('l-appellant')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Anthony sive Tony Cassar (K.I. numru 344872(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] minn deċiżjoni tad-29 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'], tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talba tar-rikorrenti **Flavio Abdilla (K.I. numru 485153(M))** u martu **Carmen Abdilla**

**(K.I. numru 209261(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellati'] fil-konfront tal-intimat, kif ġej:

> *"Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tawtorizzahom ai termini tal-Artikolu 259 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta jipproċedu kontra l-intimat Anthony* sive *Tony Cassar bl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħhom kif emanenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Samuel Bezzina datat it-28 ta' Ġunju, 2019.*
>
> *Bl-ispejjeż tal-preżenti u tal-ittra uffiċjali numru 806/2023 datata 21 ta' Marzu 2023 ikunu a karigu esklussiv tal-intimat, u bl-imgħax mid-data tal-imsemmija Ittra Uffiċjali, ossija l-21 ta' Marzu 2023 kontra l-intimat sad-data tal-pagament effettiv."*

**<u>Fatti</u>**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwardaw l-effetti ta' kuntratt pubbliku magħmul fl-atti tan-Nutar Samuel Bezzina fit-28 ta' Ġunju, 2019[1], bejn l-appellati u ċertu Michael Perkins, fejn dan tal-aħħar ikkostitwixxa ruħu debitur veru, ċert u likwidu favur l-imsemmija appellati fis-somma ta' sebat elef Euro (€7,000.00), li kellha titħallas lura lilhom sal-31 ta' Jannar, 2020. Fl-1 ta' Frar, 2022, miet id-debitur Michael Perkins mingħajr ma kien ħallas id-dejn dovut, iżda mir-riċerki testamentarji li għamlu l-appellati rriżulta li huwa kien għamel testment fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella fl-10 ta' Diċembru, 2020[2], fejn istitwixxa u nnomina lill-appellant bħala l-eredi universali tiegħu. Għalhekk l-appellati kienu interpellaw lill-istess appellant, permezz ta' ittra uffiċjali numru ta' referenza 806/2023, sabiex jagħmel tajjeb għad-dejn tal-mejjet Michael Perkins, iżda dan għamluh mingħajr suċċess.

[1] Kopja legali 'Dok. A' *a fol.* 3 tal-atti tal-Ewwel Qorti.
[2] Kopja legali 'Dok. D' *a fol.* 11 tal-atti tal-Ewwel Qorti.

## Mertu

3. Għalhekk fl-4 ta' Mejju, 2023, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors quddiem l-Ewwel Qorti, fejn talbuha sabiex:

> *"...jogħġobha tawtorizzahom jipproċedu kontra l-intimat bl-eżekuzzjoni tat-titolu eżekuttiv tagħhom kif emanenti mill-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu li sar in atti tan-Nutar Dr. Samuel Bezzina datat it-28 ta' Ġunju 2019 u li dan isir taħt dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha timponi.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha, nklużi dawk tal-Ittra Uffiċjali nru. 806/2023 ('Dok. D') u bl-interessi sad-data tal-ħlas effettiv kontra l-intimat."*

4. L-intimat wieġeb fl-14 ta' Settembru, 2023, billi eċċepixxa kif ġej:

> *"1. Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda minħabba illi m'huwiex minnu illi l-esponent aċċetta l-eredità tad-decujus Michael Perkins.*
>
> *2. Illi kif jidher mid-dokument hawn anness u market Dok. 'A', huwa jiddikjara li kien qed jirrinunzja għal kollox għall-eredità tal-mejjet Michael Perkins u dan skont l-Att Pubbliku ta' 17 ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin, liema dokument jinsab insinwat u rreġistrat.*
>
> *3. Illi, anzi, kif ser jirriżulta waqt is-smigħ u t-trattazzjoni tal-kawża, l-esponent għandu jitħallas għaliex huwa ilu sa mill-mewt tal-istess Michael Perkins, jikri garage sabiex iżomm l-affarijiet li kienu jinsab fil-flat tal-istess Michael Perkins u ta' dan huwa għadu ma tħallas xejn. Illi huwa qiegħed jinkorri kirja ta' elfejn Ewro fis-sena, liema flejjes presentament huwa qed jkollu jħallas minn butu. L-esponent fil-fatt ser jkun qiegħed jintavola kontro-talba.*
>
> *4. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."*

## Id-Deċiżjoni Appellata

5. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni appellata billi kkunsidrat is-segwenti:

> *"Ikkunsidrat;*

*Illi kif jirriżulta mill-affidavit ta' Flavio Abdilla, (fn. 1: Dok. "F" a fol. 19 tal-atti proċesswali) huwa kien ħabib ta' Michael Perkins u kienu wkoll familjari ta' xulxin. Minn żmien għal żmien, Michael Perkins kien jissellef xi flus mingħand ir-rikorrenti għal bżonnijiet tiegħu. Filfatt ir-rikorrenti Flavio Abdilla xehed illi huwa kien inizjalment sellfu s-somma ta' tlett elef ewro (€3,000) u kienet saret skrittura f'dan ir-rigward. Sussegwentement, Michael Perkins baqa' jisselef flus mingħand ir-rikorrenti, peress li huma kienu ħbieb u kien jafdah, iżda malli s-somma leħqet dik ta' sebat elef ewro (€7,000), apparti l-imsemmija somma ta' tlett elef ewro (€3,000), r-rikorrenti talab lil Michael Perkins sabiex issir kuntratt għand nutar. Dan l-att sar, fl-atti tan-Nutar Dottor Samuel Bezzina tat-28 ta' Ġunju 2019, (fn. 2:* A fol. *4 tal-atti proċesswali) fejn l-imsemmi Michael Perkins ikkostitwixxa ruħu bħala debitur, vera, ċert u likwidu b'titolu ta' self a favur tar-rikorrenti* in solidum *fis-somma ta' sebat elef ewro (€7,000), li jaċċetta li jħallas lura sal-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u għoxrin (2020), mingħajr interessi. Ir-rikorrenti kkonferma fl-affidavit tiegħu illi Michael Perkins ma kienx ħallas dak li huwa dovut lilu u lil martu sal-31 ta' Jannar 2020.*

*Michael Perkins ġie nieqes nhar l-1 ta' Frar tas-sena 2022. (fn. 3: Ċertifikat tal-mewt, Dok. "B" a fol. 7 tal-atti proċesswali) Mir-riċerki testamentarji, kemm pubbliċi u dawk sigrieti, (fn. 4: Dok. "C" a fol. 8* et seq *tal-atti proċesswali) jirriżulta li permezz tat-testment tiegħu tal-10 ta' Diċembru 2020 fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella, (fn. 5: Dok. "D" a fol. 11 tal-atti proċesswali) Michael Perkins innomina lill-intimat bħala l-unika eredi universali tiegħu.*

*Jirriżulta li minkejja li r-rikorrenti informa lill-intimat b'dan id-dejn u saħansitra interpellah permezz ta' ittra ġudizzjarja, ir-rikorrenti baqgħu ma rċevew l-ebda ħlas.*

*L-intimat da parti tiegħu jilqa' għal din l-azzjoni billi eċċepixxa fost l-oħrajn, illi ġialdarba huwa irrinunzja għall-eredità tad-decuis Michael Perkins, tramite r-rinunzja magħmula fl-atti tan-Nutar Nicholas Vella, fis-17 ta' Lulju 2023, (fn. 6: A fol. 28 tal-atti proċesswali) it-talbiet tal-attriċi għandhom jiġu miċħuda.*

*Fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-seduta tal-14 ta' Frar, 2024, l-intimat Anthony Cassar jixhed illi huwa qatt ma aċċetta il-wirt tal-mejjet Michael Perkins, filwaqt li jsostni "*Le jiena qatt ma missejt flus u lanqas affarijiet. Qatt m'aċċettajt. ... Le le qatt. Filfatt għadu kollox fuq il-bank u kollox kif inhu."

*Ikkonsidra;*

*Illi l-materja ta' rinunzja tal-wirt hija regolata bl-artikolu 869 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jistipola li:*

> "869. B'dak kollu li jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, l-imsejħin għall-wirt, illi jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt, jitilfu, wara tliet xhur mill-ftuħ tas-suċċessjoni jew minn dak in-nhar li jkunu saru jafu li l-wirt imiss lilhom, il-jedd tar-rinunzja għal dak il-wirt, kemm-il darba ma jkunux imxew skont id-dispożizzjonijiet dwar il-benefiċċju tal-inventarju; u, jitqiesu bħala werrieta mingħajr dan il-benefiċċju ukoll jekk kontra dan jgħidu illi huma jippossjedu dawk il-ħwejjeġ taħt titolu ieħor.

*Illi b'hekk, l-elementi għal rinunzja ta' wirt huma ben spjegati minn dan l-artikolu. Filfatt, fil-kawża **Joseph Gauci et vs. Jane Galea et** (fn. 7: **Joseph Gauci et vs Jane Galea et**, 3 ta' April, 2003, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Rik Ġur Nru 865/2022) ġie ritenut illi:*

> "L-artikolu 869 tal-Kodici Civili, però, jgħid li r-rinunzja għall-wirt ma tistax issir aktar minn tlett xhur wara l-ftuħ tas-suċċessjoni, f'każ biss li dawk il-werrieta "jkollhom fil-fatt il-pussess tal-ħwejjeġ tal-wirt", u allura jekk il-werrieta ma jkollhomx pussess tal-ħwejjeg tal-wirt u ma jagħmlux atto di eredità, huma jistgħu, f'kull żmien jirrinunzjaw għall-wirt."

*Illi mix-xhieda mogħtija mill-intimat Anthony Cassar (fn. 8: Ara x-xhieda mogħtija fit-28 ta' Novembru 2023* a fol. *32* et seq *tal-atti proċesswali) jirriżulta illi huwa għandu diversi oġġetti tad-decuius Michael Perkins miżmumin fil-*garage *tiegħu u filfatt qed ifittex għad-danni li qed isofri peress li ħadulu post ta' żewġ karozzi. Illi fir-risposta ġuramentata tiegħu, l-istess intimat jikkonferma illi huwa "*qed jinkorri kirja ta' elfejn Ewro fis-sena, liema flejjes preżentement huwa qed jkollu jħallas minn butu."

*Illi l-fatt li dawn l-oġġetti qegħdin miżmumin f'*garage *taħt il-kontroll tal-intimat u li baqa' jħallas il-kera għaż-żamma tal-oġġetti ta' Michael Perkins, iwassal lill-Qorti għall-konvinċiment illi l-intimat effettivament qiegħed fil-pussess ta' dawn l-oġġetti u b'hekk l-element tal-"pussess" kif misjub fl-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili huwa sodisfatt.*

*Illi l-Artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili jistipola wkoll perijodu ta' tliet xhur għar-rinunzja, li għandu jibda jiddekorri minn meta (i) tinfetaħ is-suċċessjoni jew (ii) minn dak in-nhar li l-werriet sar jaf li l-wirt imiss lilu.*

*Illi b'hekk imiss issa li jiġi stabbilit jekk it-terminu perentorju ta' tliet xhur sabiex issir ir-rinunzja bediex jiddekorri u jekk iva, minn meta. Ladarba ma jirriżultax mill-atti, li sar il-ftuħ tas-suċċessjoni ta' Perkins, il-Qorti trid tistabbilixxi jekk l-intimat sarx jaf li hu l-werriet u meta. Għal dan l-iskop, il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti bran mix-xhieda tal-intimat Anthony Cassar (fn. 9:* A fol. *33 tal-Atti proċesswali):*

"Dr Noel Bianco: Issa meta ġejt għat-testment, fuq it-testment, meta sirt taf li hu għandu jieħu xi għaxart elef (10,000) euro? Meta sirt taf li Flavio għandu jieħu għaxart elef euro?

Xhud : Kien qalli, kien qalli ma nafx jekk hux qabel jew wara imma kien qalli wara. Qalli isma', dak Mike għandu jtini. Għandu jtini. Għidtlu x'nista' naqbad nagħmel. Imbagħad kont għidtlu isma', peress li hu ħalla lili werriet, għidtlu ħa naraw x'hemm u naqsmu. Kien aċċetta in the long run imbagħad f'daqqa waħda nirċievi ittra mill-Qorti."

*Minn dan il-bran appena ċitat, jirriżulta ampju li l-intimat kien jaf li Perkins ħalla lilu werriet, u dan f'xi żmien qabel ma r-rikorrenti emetta l-ittra uffiċjali. Filfatt, ir-rikorrenti emetta l-ittra uffiċjali propju għax l-intimat kien qed jirrifjuta li jħallsu. Illi di più, anke min-nota oppożitorja għall-ittra uffiċjali tar-rikorrenti, l-istess intimat f'ebda mument ma jirrespinġi t-talbiet tar-rikorrenti bħala li m'huwiex werriet, iżda biss jgħid li huma* "infondati fil-fatt u fid-dritt".

*Illi madanakollu tibqa' d-diffikultà li tiġi stabbilita data ta meta l-intimat sar jaf li huwa l-eredi ta' Michael Perkins. Il-Qorti tqis li ladarba l-intimat, qabel ma ntbagħtet l-ittra uffiċjali, kien qed jiddiskuti mar-rikorrenti konsapevoli li huwa l-eredi ta' Michael Perkins, neċessarjament ifisser li fid-data tas-sottomissjoni tal-Ittra Uffiċjali, ossija fil-21 ta' Marzu 2023, l-intimat kien jaf li huwa l-werriet u b'hekk il-Qorti se tieħu din id-data bħala d-data li fiha sar jaf l-intimat li huwa werriet ta' Michael Perkins.*

*Illi jirriżulta wkoll mill-atti li l-intimat irrinunzja għall-wirt ta' Michael Perkins permezz tal-Att datat is-17 ta' Lulju 2023, ossija kważi erba xhur wara d-data tal-ittra uffiċjali, kif hawn fuq imsemmi. Illi b'hekk, it-terminu li fih l-intimat seta' jirrinunzja għall-wirt ta' Michael Perkins iddekorra u b'hekk l-att ta' rinunzja huwa ineffettiv.*

*Illi b'hekk, l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-intimat qed jiġu respinti.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni, l-intimat jgħid li qed iħallas il-kera minn butu u li qed jippretendi riżarċiment tal-flus li ħallas u li anke ser jagħmel kontro-talba. Il-kontro-talba ma ġietx sottomessa u b'hekk il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni ta' din l-eċċezzjoni.*

*B'hekk, din it-tielet eċċezzjoni qed tiġi wkoll respinta.*

*Ikkonsidrat;*

*Illi fil-fehma tal-Qorti, ir-rikorrenti rnexxielu jipprova illi huwa kreditur tal-eredità tad-decuius Michael Perkins fl-ammont ta' għaxart elef Ewro u li dan l-ammont għadu sal-lum ma ġiex saldat."*

## L-Appell

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-17 ta' Mejju, 2024, fejn qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"... tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata mogħtija mill-Onor. Qorti tal-Maġistrati (Malta) fl-ismijiet premessi fid-29 t'April, 2024 u dana billi tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponenti jew liema minnhom u tiċħad it-talba attriċi bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi appellati."*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (a) l-Ewwel Qorti ma setgħetx faċilment twarrab l-att ta' rinunzja bħala wieħed ineffettiv; u (b) l-Ewwel Qorti kellha tinvestiga l-motiv għaliex huwa kien żamm oġġetti personali tad-decujus għandu.

7. L-appellati wieġbu fit-23 ta' Lulju, 2024, fejn sostnew li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u korretta, u għalhekk għandha tiġi kkonfermata minn din il-Qorti għal dawk ir-raġunijiet li huma jfissru fit-tweġiba tagħhom.

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmulin mill-appellati fit-tweġiba tagħhom.

9. L-appellant fir-rigward tal-ewwel aggravju tiegħu li jolqot id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn din ittrattat il-kwistjoni tal-allegata rinunzja tal-wirt, jirrileva li l-azzjoni odjerna tistrieħ fuq l-artikolu 259 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u huwa jiċċita d-dispożizzjonijiet tiegħu. Jgħid li madankollu fil-każ odjern huwa kien irrinunzja għall-wirt tad-decujus b'mod formali, u għalhekk ma setax jitqies bħala debitur. Jirrileva li min-naħa tagħhom l-appellanti m'għamlu l-ebda azzjoni formali sabiex jikkontestaw il-validità tar-rinunzja tal-wirt jew sabiex jannullaw l-effetti ċari u *erga omnes* tagħha. L-appellant jgħid li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tiddeċiedi minn jeddha li l-att ta' rinunzja kien wieħed ineffettiv fejn ma kienx hemm talba *ad hoc,* u hija kienet tenuta tidderieġi lill-appellati sabiex jieħdu l-passi opportuni bil-għan li jottjenu deċiżjoni dwar il-validità o meno ta' dik ir-rinunzja*.* Dwar it-tieni aggravju tiegħu, jgħid li mingħajr preġudizzju għas-sottomissjonijiet appena magħmulin minnu, l-Ewwel Qorti hawnhekk ukoll imxiet b'ċerta leġġerezza indebita meta kkunsidrat l-pussess tal-oġġetti formanti parti mill-wirt *ai termini* tal-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili. Huwa jissottometti li għalkemm huwa kien irrinunzja għall-eredità b'mod formali permezz ta' att notarili, xorta waħda l-Ewwel Qorti ddeċidiet li meta żamm għandu oġġetti formanti parti mill-wirt, huwa kien qiegħed taċitament jaċċetta l-imsemmi wirt. Jikkontendi li hawnhekk l-Ewwel Qorti kienet tenuta tistħarreġ ulterjorment il-motiv tiegħu għal tali żamma, u dan għaliex mhux kull pussess ta' oġġetti formanti parti mill-wirt jista' jwassal sabiex ixejjen l-effetti ta' rifjut tal-istess wirt. Huwa jiċċita dak li jipprovdi l-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili, u anki dak li qalu d-diversi qrati tagħna, u jsostni li l-Ewwel Qorti kellha tfittex sabiex issib jekk il-pussess kien wieħed għall-fini ta' konservazzjoni jew preservazzjoni, jew intiż bħala benefiċċju jew tgawdija tal-wirt li jkun ġie miċħud. Jirrileva li l-pussess kien

seħħ hekk kif id-decujus kien biddel ir-residenza tiegħu, fejn l-appellat kien jeħodlu ħsieb ukoll l-affarijiet tiegħu, u saħansitra mhux l-ewwel darba li kien aċċeda fil-garaxx fejn kienu jinsabu l-oġġetti in kwistjoni. Dan kien ukoll ikkonfermah l-appellat waqt ix-xhieda tiegħu. L-appellant jikkontendi li ż-żamma ta' ftit oġġetti personali li kienu jikkonsistu f'*"figorini,* cutlery sets*, maggijiet, affarijiet hekk, li jkun hemm f'dar normali",* li seħħ saħansitra qabel il-mewt tad-decujus, ma kienx il-pussess rikjest mil-liġi, li ma kienet timponi l-ebda kundizzjoni bħal din. Irrileva li minn dak li xehed l-appellat, jirriżulta s-segwenti: (a) l-istess appellat kellu huwa wkoll pussess tal-istess oġġetti, tant li kien huwa li ġabarhom wara l-mewt tad-decujus; (b) l-appellat kien jaf li d-decujus qabel ma miet kien ħalla xi oġġetti personali fil-garaxx tal-appellant, u hemmhekk l-appellat kien mar diversi drabi; (ċ) l-appellat ftakar li huwa kien ġie interpellat sabiex jiġbor l-oġġetti msemmija mill-garaxx, għaliex l-appellant ma kienx ried jibqa' jżommhom. B'hekk isostni li ma kienx applikabbli t-terminu ta' tliet xhur ikkunsidrat mill-Ewwel Qorti, u hawnhekk jagħmel riferiment għal dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet **Joseph Gauci et *vs.* Jane Galea et** deċiża fit-3 ta' April, 2003.

10. L-appellati jwieġbu billi qabel xejn jirrilevaw li d-dikjarazzjoni ta' rinunzja tal-wirt saret mill-appellant ftit qabel ma ppreżenta r-risposta tiegħu għar-rikors promotur, u xhur wara li huwa kien ġie notifikat b'ittra uffiċjali u bl-istess rikors promotur. Għalhekk huma qatt ma setgħu ntavolaw l-azzjoni odjerna bl-intenzjoni li huma jattakkaw ir-rinunzja tal-wirt li kien għamel l-appellant. Jirrilevaw ukoll li r-rinunzja tal-wirt saret sena u nofs wara l-mewt tad-decujus. L-appellati għalhekk jgħidu li d-dikjarazzjoni ta' rinunzja saret biss bil-għan li l-appellant jaħrab l-azzjoni odjerna, iżda d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 869 tal-Kap.

16 kienu ntiżi proprju sabiex jassiguraw li ma jkunx hemm abbuż. Dwar it-tieni aggravju tal-appellant, l-appellati jikkontendu li dak li kien qiegħed jgħid l-istess appellant kien biss fabbrikazzjoni *ad hoc* sabiex jaħrab l-obbligu tiegħu tal-ħlas. Jgħidu li l-oġġetti tad-decujus kienu u għadhom fil-pussess tal-appellant sa mill-1 ta' Frar, 2022, li hija d-data tal-mewt tal-imsemmi decujus, u jekk l-appellant ried tassew jirrinunzja l-wirt, huwa kien jagħmel dan mill-ewwel mal-mewt tad-decujus. Fejn imbagħad huwa seta' kellu xi dubbji, kellu d-dritt li jaċċetta l-wirt bil-benefiċċju tal-inventarju, imma dan m'għamlux. Barra minn hekk, jekk tassew huwa ried jirrinunzja għall-imsemmi wirt tad-decujus, dan seta' jagħmlu skont il-proċedura appożita, filwaqt li jiddepożita kull oġġett tad-decujus taħt l-Awtorità tal-Qorti. L-appellati jirrilevaw li d-decujus kellu wkoll diversi oġġetti personali oħra fir-residenza tiegħu li ħadhom l-appellant. Jgħidu li ċ-ċirkostanzi kollha juru li l-appellant ippreserva l-oġġetti appartenenti lid-deċujus bħala tiegħu, u baqgħu għandu bħala li jappartjenu lilu. L-appellati jirrilevaw li meta l-appellat kien ikkomunika miegħu dwar il-ħlas tad-dejn, huwa ssuġġerixxa li d-debitu dovut lill-istess appellat għandu jinqata' permezz tal-imsemmija oġġetti. Huma jirrilevaw ukoll kif l-appellant kien talab lill-appellat sabiex jgħaddilu d-dokumenti kollha appartenenti lid-decujus dwar kontijiet bankarji, u li dan seta' kellu ukoll barra, sabiex b'hekk huwa seta' jagħmel ir-riċerki neċessarji. Isostnu li dan kollu kien juri li l-appellant kien qiegħed jaġixxi bħala eredi tad-decujus.

11. Il-Qorti tgħid li s-sentenza appellata hija tajba. L-Ewwel Qorti bdiet billi għarfet li l-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi dwar ir-rinunzja tal-wirt, u li hawnhekk l-elementi tar-rinunzja jinsabu spjegati sew. Il-Qorti tirrileva li kif ġustament jissottomettu l-appellati, l-att ta' rinunzja għall-wirt tad-decujus sar wara li ġew ippreżentati l-proċeduri odjerni, u għalhekk huma ma setgħu qatt

ippreżentaw oppożizzjoni fir-rigward tal-imsemmi att. Għaldaqstant mhumiex korretti l-osservazzjonijiet tal-appellant, li l-azzjoni odjerna hija ntiża sabiex tattakka formalment l-att ta' rinunzja magħmul mill-appellant, u li l-appellati ma ressqux talba għal dikjarazzjoni tal-validità o meno tal-istess att.

12. L-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ċċitat dak li qalet il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' April, 2003, fl-ismijiet **Joseph Gauci et *vs.* Jane Galea et**, u rrilevat li skont ix-xhieda tal-appellant stess tat-28 ta' Novembru, 2023, jirriżulta li huwa għandu fil-pussess tiegħu diversi oġġetti tad-decujus fil-garaxx tiegħu, tant hu hekk li kien qiegħed ifittex għad-danni riżultanti mill-fatt li dawn ħadulu il-post ta' żewġ karozzi. L-Ewwel Qorti sewwa kkunsidrat li l-fatt li l-imsemmija oġġetti kienu qegħdin jinżammu f'garaxx taħt il-kontroll tiegħu, u li huwa saħansitra baqa' jħallas il-kera tal-istess garaxx, kien juri li huwa tassew qiegħed fil-pussess tagħhom. Għalhekk l-Ewwel Qorti korrettement sabet li l-element tal-'pussess' rikjest mill-artikolu 869 tal-Kodiċi Ċivili, kien sodisfatt. Qal li mbagħad dan l-istess artikolu kien jagħti terminu ta' tliet xhur li fih setgħet issir ir-rinunzja, u li dan it-terminu għandu jibda jiddekorri minn meta (i) tinfetaħ is-suċċessjoni; jew (ii) minn dakinhar li l-werriet sar jaf li l-wirt kien imiss lilu. Irrileva li ġaladarba ma kienx irriżulta mill-atti li kien sar il-ftuħ tas-suċċessjoni tad-decujus, huwa kien tenut li jistabbilixxi meta l-appellant kien sar jaf li huwa l-werriet tiegħu. L-Ewwel Qorti hawnhekk ġustament ikkunsidrat ix-xhieda tal-appellant stess waqt l-udjenza tat-28 ta' Novembru, 2024, u sabet li dan kien jaf li d-decujus kien ħallih werriet almenu minn qabel ma saret l-ittra uffiċjali fil-konfront tiegħu mill-appellati, wara li huwa kien irrifjuta li jħallas, u li l-Qorti

tosserva saret fil-21 ta' Marzu, 2023[3], u ġiet notifikata lilu fit-30 ta' Marzu, 2023.[4] L-Ewwel Qorti osservat tajjeb ukoll li fin-nota ppreżentata mill-appellant sabiex jirrespinġi t-talbiet tal-appellanti fl-imsemmija ittra uffiċjali, l-istess appellant ma nnegax li huwa werriet tad-decujus, iżda ddikjara biss li l-imsemmija talbiet kienu *"infondati fil-fatt u fid-dritt".*[5] L-Ewwel Qorti kkunsidrat li għalhekk fid-data li saret l-imsemmija ittra uffiċjali, l-appellant kien jaf li huwa l-werriet, imma ġaladarba l-att ta' rinunzja sar fis-17 ta' Lulju, 2023, jiġifieri kważi erba' xhur wara, ir-rinunzja tiegħu ma kellha l-ebda effett. B'hekk l-Ewwel Qorti ċaħdet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tal-appellant li jolqtu l-kwistjoni jekk huwiex werriet tad-decujus. Il-Qorti tikkondividi l-fehma tal-Ewwel Qorti, u tagħmel tagħha r-raġunament espressi minnha kif imfisser hawn fuq. Tassew m'għandha xejn x'iżżid ma' dan, u b'hekk issib l-aggravji tal-appellant mhux ġustifikati, u tiċħadhom.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li l-ispejjeż ta' din l-istanza għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.** | **Rosemarie Calleja** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

---

[3] Ara *fol.* 14.
[4] Ara *fol.* 15.
[5] Ara *fol.* 17.